**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

Illum, 13 ta' Mejju, 2016

**Il-Pulizija**
**(Spettur Joseph Busuttil)**

**vs**

**Teresa Zahra detentriċi ta'**
**Karta tal-Identità bin-numru 60888M**

**Kumpilazzjoni Nru. 866/2012**

Il-Qorti,

Rat l-akkużi miġjuba fil-konfront tal-imputata **Teresa Zahra** u ċioè talli:

1. F'dawn il-gżejjer, ġewwa l-fond Fuego fi Triq il-Qawra, San Pawl il-Baħar, fil-lejl ta' bejn l-24 u l-25 ta' Awwissu 2012, għal ħabta tal-5:30am, mingħajr ħsieb li toqtol jew li tqiegħed il-ħajja ta' Vincent Cutajar f'periklu ċar, ikkaġunat feriti gravi fuq il-perusuna ta' Vincent Cutajar permezz ta' strument li jaqta' jew iniggeż;

2. Fl-istess lok, ħin u ċirkostanzi ħebbet kontra Vincent Cutajar u Francine Debono sabiex tingurja, ddejjaq jew tagħmel ħsara lil dan Vincent Cutajar jew lil Francine Debono;

3. Fl-istess data, lok, ġin u ċirkostanzi inġurjat jew heddedt lil Vincent Cutajar;

4. Fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi, f'lok pubbliku jew miftuħ ggħal pubbliku kienet instabet f'sakra b'mod li ma setgħetx tieħu ħsieb tagħha nnifisha;

5. Fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi volontarjament kisret il-bon ordni u l-kwiet pubbliku.

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' sejbien ta' htija tipprovdi ghas-sigurta` ta' Vincent Cutajar flimkien mal-piena, u torbot lill-hatja b'obbligazzjoni taht penali ta' somma ta' flus li tigi ffissata mill-Qorti.

Rat n-nota ta' rinviju ghal gudizzju tal-Avukat Generali tat-8 ta' Mejju, 2013.[1]

Rat li l-imputata ma kelliex oggezzjoni li l-kaz jigi trattat u deciz bi procedura sommarja minn dina l-Qorti.

Semghet il-provi.

Rat li l-imputata fis-seduta tallum ammettiet l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront taghha u wara li nghatat zmien biex tikkunsidra l-posizzjoni taghha, kkonfermat l-ammissjoni taghha.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Semghet sottomissjonijiet dwar il-piena.

Ikkunsidrat-

Illi l-imputata ammettiet l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront taghha u ghaldaqstant dawn gew sodisfacjentement ippruvati.

Illi meta tigi biex tqies il-piena li ghandha tigi inflitta, il-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni in-natura tar-reati li tinsab akkuzata bihom, u l-fedina penali tal-imputata li ma jistax jinghad li hi xi wahda li ma tohloq ebda preokkupazzjoni.

[1] Fol.138

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti, wara li rat l-artikoli 17, 31, 214, 215, 217, 218, 338(dd), 338 (ff), 339(1)(d) u 339(1)(e) tal-Kapitolu IX ta' l-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputata hatja tal-imputazzjoni migjuba fil-konfront taghha, tikkundanaha ghal ghoxrin xahar prigunerija li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kapitolu IX ta' l-Ligijiet ta' Malta qeghdin jigu sospizi ghal tlett snin millum.

Inoltre biex tipprovdi ghas-sigurta' ta' Vincent Cutajar u Francine Debono, b'applikazzjoni ta' l-artikolu 412C tal-Kapitolu IX ta' l-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti qed tohrog ordni ta' protezzjoni kontra l-imputata bil-projbizzjonijiet kollha elenkati fid-digriet moghti kontestwalment li jifforma parti integrali minn din is-sentenza u dan ghal perjodu ta' tlett (3) snin.

Il-Qorti spjegat lill-hatja bi kliem car u li jinftiehem il-konsegwenzi jekk twettaq reat iehor waqt il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza.

**Dr Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**
**Magistrat**